**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**Vs**

**Vincent-Martin Carabott**

Illum 14 ta' Ottubru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Vincent-Martin Carabott ta' 57 sena, iben Angelo u Erminia nee' Debono, imwieled Pieta', nhar il-31 ta' Jannar 1957, residenti gewwa 299, Fleur-De-Lys Road, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 174657M

Talli nhar it-8 ta' Jannar 2015, gewwa l-bini tal-Qrati ta' Malta, fil-Belt Valletta, u f'dawn il-Gzejjer, ingurja jew hedded lill-Imhallef Dr Abigail Lofaro LL.D waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li jbezzghu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu.

U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Onor. Imhallef Dr Abigail Lofaro LL.D u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta'

Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Onor. Imhallef Dr Abigail Lofaro LL.D u l-familja taghha ai termini tal-art. 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet ir-recording tax-xhieda tat-8 ta' Jannar 2015.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li fit-8 ta' Jannar 2015 fil-bini tal-Qrati ta' Malta ingurja jew hedded lill-Imhallef Dr Abigail Lofaro, parte civile f'dawn il-proceduri, waqt li kienet qeghda taghmel jew minhabba li tkun ghamlet dmirijietha, jew bil-hsieb li jbezzaghha inkella li jinfluwixxi fuqha fid-dmirijiet taghha. Huwa ghalhekk jinsab akkuzat bir-reat ipotizzat fl-artikolu 93 tal-Kodici Kriminali. Oltre' dan, l-imputat huwa akkuzat li huwa recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

L-artikolu 93(1)(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*"(1) Kull min jingurja jew ihedded imhallef, jew l-Avukat Generali, jew magistrat, jew gurat, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel jew minhabba li jkun ghamel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li jbezzghu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn disa' sa tmintax-il xahar u ghal*

*multa ta' mhux inqas minn hames mitt euro (500) u mhux izjed minn elf u hames mitt euro (1,500).*

*(2) Jekk l-iskop tal-ingurja jkun li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' dak li kontra tieghu tkun giet maghmula, il-piena hija l-prigunerija minn tnax-il xahar sa sentejn u ghal multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (700) u mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500).*

*(3) Jekk it-theddid ikun ta' delitt, il-piena hija ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin u ghal multa ta' mhux inqas minn elf u hames mitt euro (1,500) u mhux izjed minn erbat elef euro (4,000), …."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Bugeja**[1], il-Qorti b'referenza ghall-artikolu surriferit tenniet:

*"Difatti l-Professur Sir Anthony Mamo, citat anke mill-appellant, jghid fin-Noti tieghu[2]:*

***"In re: 'The Police vs George Ellul' (Criminal Appeal, 30th September 1944), Harding J. quoting Chaveau et Helie held that for the application of section 92** [illum lartikolu 93] **the presence of the Judge or Magistrate or other judicial functionary is necessary so that the insult shall have been hurled to his face, and that he shall have heard the words or noticed the fact constituting the outrage. The same principle was also affirmed in re: 'The Police vs Arciocovich' (Criminal Appeal, 17th November 1909 - Law Reports Vol. XX, P. iv, page 37) and in re: 'The Police vs Leone' (Criminal Appeal 23rd May 1910 - Law Reports Vol. XXI, P. iv, page 27), although those two judgements were not concerned directly with the application of Section 92 but with Section 94. Of course, though the crime under Section 92 does not arise, according to this doctrine, where the threat or insult is committed in the absence of the Judge, Magistrate or other judicial functionary, the offence of insult or threat under Sections 263, 265, 353(i)(e), as the case may be, will always remain and the offender may be punished under these provisions. In other words, where the threat or insult is committed in the absence of the functionary it is dealt with as a threat or insult against any other private individual, but of course the character of the person offended may be taken into consideration in assessing an adequate punishment."***

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Gunju 2005

[2] Revised Edition 1954 - 1955, p. 45.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[3] il-Qorti rriteniet li diskors fis-sens li l-pulizija ippruvaw jaghmlu *frame up*, bla dubbju ta' xejn, huwa ingurjuz ghaliex jimplika li l-ufficjali tal-pulizija kkoncernati kienu qeghdin jaghmlu att illegali u infami billi jippjantaw provi jew ibaghbsu maghhom bl-iskop li jinkastraw lill-imputat. Il-Qorti rreferiet ghal dak li kien intqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar** mill-Imhallef Harding fit-12 ta' Dicembru 1936 ossija:

*", biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ngurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pproferiti fil-presenza tal-ufficjal inkwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dik ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe' dana l-animus injuriandi, jigi present, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe' bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anki jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuzi, jista' jaghti l-kaz li jkunu intqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jocandi) jew filwaqt li l-agent li jkun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dak il-kliem ikun intqal animus reclamandi;"*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs David Ellul**[4]**,** il-Qorti tenniet:

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru, 1997
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Jannar, 2013

*"It-tieni imputazzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali liema artikolu jitratta l-ingurji kontra ufficjali pubblici waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Illi huwa pacifiku li dan id-diskors "Hallelin tal-pajjiz" intqal mill-imputat fil-konfront tal-ufficjali pubblici PS 647 u PS 164. Bid-dovut rispett, dawn il-kliem mistqarra fil-kuntest partikolari u rivolti lejn ufficjali pubblici jikostitwixxu precizament reat ta' ingurja kontra ufficjali pubblici skond l-artikolu 95. Dan ukoll skond il-gurisprudenza mhux biss dik lokali izda ukoll dik Taljana fuq il-materja. Hekk per ezempju l-Padovani, fix-xoghol tieghu Le Fonti del Diritto Italiano, Codice Penale fil-paragrafu numru 3, pagna 3546, jghid is-segwenti fuq it-tifsira tal-ingurja :-*

*"La condotta materiale concretante il reato si realizza con qualsiasi manifestazione di disprezzo o disistima, purche avvenuta alla presenza dell'offeso ...*
*La natura offensiva dell-espressione puo essere ritenuta anche solamente in relazione a specifiche qualita personali dell'soggetto passivo (Antolisei, PS I 14 197), pur se risulta pacifico che non ha rilievo la particolare suscettibilita` della persona offesa dovendo, la lesione del bene giuridico, essere considerate in termini oggettivi, comunque il significato offensive di una frase va valutato in relazione al contesto in cui e pronunciata .....*
*Per valutare se l'espressione utilizzata e idonea a ledere il bene protetto dalla norma incriminatrice occorre fare a riferimento ad un criterio di media convenzionale in rapporto alla personalita dell'offeso e del offensore nonche al contesto nel quale detta espressione sia stata pronunciata e dalla coscienza sociale ....*
*La persona offesa, per parte sua, deve non solo essere presente ma deve anche aver percepito l'inguria e secondo taluna (Spasari, 24, 484; contra Manzini VIII 532) averne compreso la valenza offensive".*

Illi dawn l-insenjamenti nonostante li jirreferu ghall-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali japplikaw ukoll ghall-artikolu 93 tal-Kapitolu 9.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi jehtieg issa li dawn il-principji u l-insenjamenti jigu applikati ghall-kaz odjern sabiex jigi determinat jekk ir-reat imputat jissussistix.

Qabel xejn, jehtieg li ssir referenza ghal-fatti li jirrizultaw:

i) L-Imhallef Lofaro kienet il-gudikant tippresjedi kemm il-kawza tas-separazzjoni bejn l-imputat u martu fil-Qorti tal-Familja; kif

ukoll rikors ghal zgumbrament mid-dar matrimonjali prezentat minn mart l-imputat kontrih.

ii) Jirrizulta mill-atti li l-Imhallef Lofaro kienet ukoll tat digriet ta' manteniment mill-imputat favur martu fid-9 ta' Marzu 2012.

iii) Fit-8 ta' Jannar, 2015 ir-rikors ghall-izgumbrament kien qieghed jinstema' quddiem l-Imhallef Lofaro. Prezenti kien hemm l-imputat assistit mill-avukat tieghu Dr Tonio Azzopardi, mart l-imputat assistita mill-avukat taghha Dr Noella Sciriha u kien hemm ukoll zgur id-deputat registratur tal-Awla, Rita Mangion.

iv) F'din is-seduta xehed bil-gurmaent l-imputat. Ir-rikors gie imbaghad differit ghall-24 ta' Frar, 2015 sabiex jixhdu in kontro-ezami l-imputat u Christian Carabott.

v) Ix-xhieda ta' Vincent-Martin Carabott giet rekordjata u eventwalment traskritta. Ir-recording u t-traskrizzjoni ta' l-istess gew ezebiti f'dawn il-proceduri.

vi) L-Imhallef Lofaro ressqet ir-rapport taghha lill-pulizija fl-10 ta' Jannar, 2015 billi hija hassitha ingurjata kif ukoll mhedda minn dak li qal l-imputat fix-xhieda tieghu.

vii) Wara li nhareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat, l-istess imputat gie arrestat u investigat. Huwa rrilaxxja stqarrija fl-10 ta' Jannar, 2015 wara li kkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu, liema stqarrija huwa ghazel li jiffirma.

viii) L-ghada l-imputat tressaq b'arrest u b'hekk inbdew il-proceduri odjerni kontrih.

Stabilit dan kollu, il-Qorti se tghaddi billi tirreferi ghar-rekwiziti ta' l-artikolu 93 tal-Kodici Kriminali surriferiti wiehed wiehed u ghar-rizultanzi processwali:

Ir-reat jinnecessita li l-ingurja jew it-theddid isir fil-presenza tal-persuni msemmija, f'dan il-kaz tal-gudikant. Jirrizulta li l-Imhallef Lofaro kienet il-gudikant li qeghda tippresjedi r-rikors ta' zgumbrament u li dakinhar instema' bil-gurament l-imputat.

Irid issa jigi stabilit jekk fil-fatt kienx hemm ingurja jew theddid minnaha tal-imputat. Il-parte civilie xehdet *in extenso* dwar dan. Kif qal l-abbli difensur tal-parte civile din il-Qorti ghandha l-vantagg li dak li ntqal fil-fatt kien rekordjat u eventwalment traskritt. Din il-Qorti semghet l-istess recording b'attenzjoni kbira. L-imputat kien f'certu mumenti f'konfront dirett mas-Sedja u t-ton tieghu f'hinijiet kien

ukoll wiehed gholi u alterat. Se ssir referenza ghal xi brani mix-xhieda tat-8 ta' Jannar 2015:

F'pagni tmienja (8) u disgha tat-traskrizzjoni[5]:

*"Vincent-Martin Carabott: Kelli d-dritt tal-avukat imma kelli d-dritt ukoll li niddefendi lili nnifsi, qed nitkellem skont il-Kostituzzjoni hawnhekk, ma gejtx imholli, kont onestament li qed nghid il-verita'* ***u dik il-verita' inqalbet 'il ghaliex kien hemm avukat li ghamel pressjoni bhal ma inti taghmel pressjoni fuq il-gudikatura inti, sinjura Sciriha[6].***

*Il-Qorti[7]: U ejja.*

*Vincent-Martin Carabott: u naf x'jiena nghid".*

F'pagna ghaxra (10) tat-traskrizzjoni[8]

*"Vincent-Martin Carabott: jiena qieghed ghax hadd mhu qieghed fiz-zarbuna tieghi ghalhekk qed nitkellem.*

*Il-Qorti: u mela ma jafx x'jigifieri Dr Azzopardi, ha tghallmu int.*

*Vincent-Martin Carabott: qed nghid ghalik ukoll".*

F'pagna tlettax (13) tat-traskrizzjoni[9]

*"Vincent-Martin Carabott: Jiena ma rrizultax il-fatt, illi l-posta dejjem tirceviha l-mara d-dar allura ma nkunx naf ezattament.*

*Dr Tonio Azzopardi: imma int qatt kellek…*

*Il-Qorti: Kieku jcemplulek ta'.*

*Dr Tonio Azzopardi: mhux hekk*
*Vincent-Martin Carabott: Bil-mod jew….skuzani sur imhallef, jew donnok ma tafx l-affarijiet kif jimxu fl-iskejjel taghna".*

F'pagna dsatax (19) tat-traskrizzjoni[10]

---

[5] A tergo fol 75 u 76 tal-process
[6] Enfasi mill-Qorti
[7] B'referenza ghall-Qorti
[8] A tergo fol 70 tal-process
[9] A tergo fol 72 tal-process
[10] A fol 75 tal-process"

*"Vincent-Martin Carabott: le mhux..inti qed tistaqsini dott, hemm miktub li jiena theddida fid-dar, theddida iva, ghalihom jiena theddida ghax hekk iddecidew pero' jekk inti ghandek lil xi hadd li trid tehles minnu x'taghmel, tghid li huwa vjolenti, jaghtuk parir legali li jekk inti tghid hekk ghandek ic-cans quddiem …..nafu li l-qorti civili kif tahdem, nafu li tista' tigdeb il-passat uriena nies li gidbu, qalu hwejjeg li mhuwiex minnhom, imbaghad ighaddi zmien imbaghad forsi ma nafx ghaliex iqerru wara, imma s-sitwazzjoni hija hekk u l-qorti bhal ma gara f'dan il-kaz emmnet kollox, hadet l-azzjonijiet kollha tieghi, inkluz fuq il-manteniment minghajr ma ghandha ebda dokument wiehed li jsostni dak li tat[11], ippermettili daqsxejn wahda dott. Illi fil-halfa ta' Marthese Mugliette, il-mara tghid illi m'ghandhiex flus f'idejha mentri d-dati jekk inti wiehed ihares lejn id-dati meta nghata l-manteniment, kienet ilha bil-manteniment f'idejha ta' tlett mitt ewro fix-xahar sena qabel. Hares lejn id-dati u tkun taf. U dan huwa moghti hawnhekkfil-qorti u l-qorti accettatu. Jigifieri hawnhekk inti tista' tigdeb hawnhekk kontra persuna, jiena naghmel manifattura kontra persuna, nigi nigdeb u l-qorti temmnu u tiehu l-azzjoni tieghi, bhal ma gara fil-kaz tieghi.*

*Dr Tonio Azzopardi: ghadha ma emmnietx il-qorti.*

*Vincent-Martin Carabott: s'issa emmnitha dejjem ha nghidlek fejn emmnitha dott, mela kien hemm il-kaz fejn il-finanzi tieghi illum huma mizmuma u kien hemm indikazzjoni minn din il-qorti fejn il-manteniment inghata fuq bazi arbitrarja ghall-ahhar meta l-anqas biss il-qorti m'ghandha ebda gharfien ta' dokument wiehed dwar…."*

F'pagna tnejn u hamsin (52) tat-traskrizzjoni[12]:

*"Dr Tonio Azzopardi: Imma ghandek xi villeggatura, xi dar ta' villeggatura? Ghadek x'imkien iehor fejn tista' tmur toqghod?*

*Vincent-Martin Carabott: le ma ghandix fejn nista' mmur noqghod. Jien kif tohrog id-digriet nispicca hawn quddiem il-Qorti inkella wara l-bieb taghha".*

L-imputat xehed *viva vice* quddiem din il-Qorti u inoltre' pprezenta Dok VMC li huma sottomissjonijiet fejn ghamel il-kummenti tieghu dwar ix-xhieda tal-Imhallef Lofaro. L-imputat jichad li huwa ngurja lill-Imhallef Lofaro u permezz tas-sottomissjonijiet tieghu jindika, skontu, l-imprecizazzjonijiet fix-xhieda ta' l-Imhallef Lofaro u kif

[11] Enfasi tal-Qorti
[12] A tergo fol 91 tal-process

mhux tali ma gietx ingurjata talli jibqa' jsostni li saret pressjoni fuq il-gudikatura biex martu tasal fejn waslet.

L-imputat jixhed ukoll li dakinhar tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2015 il-parte civile ma haditx passi kontrih, bhal per ezempju, kkundannatu ghal disprezz tal-awtorita' taghha u li s-seduta giet konkluza bil-kwiet u bl-avukati ripsettivi tal-partijiet jaqblu mal-Qorti dwar l-iffissar ta' data ghal differiment.

Fil-fehma tal-Qorti meta x-xhieda tat-8 ta' Jannar, 2015 tal-imputat odjern tigi sintetizzata tista' tinqasam fi tlett (3) sezzjonijiet : (i) xhieda dwar ir-relazzjoni ta' l-imputat ma' martu w uliedu u c-cahda tal-allegazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu; (ii) kunflitt ma' l-avukat ta' martu; (iii) kummenti u allegazzjonijiet fil-konfront ta' l-Imhallef Lofaro u l-gudikatura u dwar il-modus operandi ta' l-istess Imhallef. Fil-konfront ta' l-Imhallef Lofaro essenzjalment, l-imputat odjern qieghed isostni li hija ma kinitx imparzjali, li hija ssokkombiet ghall-pressjoni min-naha tal-avukat tal-kontro-parti tant li jenfasizza li d-digriet tal-manteniment inghata b'mod arbitrarju ghall-ahhar ghaliex il-Qorti ma kellhiex dokumenti f'idejha u dan isostnih kemm b'diskors indirett u b'diksors dirett.

Din il-Qorti tqis li fid-dawl ta' dak suespost gie ppruvat li l-imputat ingurja lill-Imhallef Lofaro. Fost il-kwaliltajiet li ghandhom isawru gudikant insibu l-indipendenza, l-imparzjalita', l-integrita' u l-kompetenza. Meta wiehed jisma' lill-imputat jixhed, kif kellha l-opportunita' taghmel din il-Qorti, u ssir evalwazzjoni tad-diskors tieghu jirrizulta li qieghed ighid li l-avukat ta' martu diga' kienet ghamlet pressjoni fuq il-gudikatura f'kaz precedenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn huwa kien instab hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu (anki jekk jirrizulta li ma sarx appell mill-imputat) u li issa l-avukat kienet qeghda taghmel l-istess fil-kaz li kien qieghed jinstema' mill-Imhallef Lofaro. Aktar 'il quddiem izda jsostni li quddiem il-qorti civili tista' tigdeb, tista' ssir montatura u l-qorti temmnek u jallega li dan kien qieghed jigri fil-kaz tieghu. Kwindi meta din l-insinwazzjoni tittiehed fl-isfond li kien qal qabel l-imputat tal-pressjoni fuq il-gudikant ma jistax iwassal hlief ghal konkluzjoni wahda cioe' li l-imputat qieghed jindirizza lill-Imhallef sedenti, fil-presenza ta' persuni ohra li kienu fl-Awla, li hija ddecidiet id-digriet tal-manteniment fuq bazi arbitrarja billi jsostni li ma kellhiex dokumenti fuq xhiex tiddeciedi u dan billi

evidentement issokkombiet ghall-pressjoni ezercitat fuqha. Hija proprju l-imparzjalita' w allura l-integrita' tal-gudikant li giet attakkata.

Illi element iehor sabiex jissussisti dan ir-reat huwa li l-ingurja tkun qeghda ssir jew (i) waqt li l-gudikant jkun jaghmel jew (ii) minhabba li jkun ghamel id-dmirijiet tieghu jew (iii) bil-hsieb li jbezzghu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu. Dawn ix-xenarji huma alternattivi ghal xulxin u mhux necessarjament iridu jigu ppruvati kollha. *Tornando* ghall-kaz odjern, m'hemmx dubju li l-Imhallef Lofaro kienet qeghda taqdi dmrijietha billi kien qeghda tippresjedi fir-rikors ghall-izgumbrament. Inoltre', il-kliem li gie indirizzat fil-konfront taghha kien proprju ghaliex kienet tat digriet fejn ordnat lill-imputat ihallas ammont ta' flus bhala manteniment lil martu. Ghalhekk inkwantu ghall-ingurja dan l-element huwa sodisfatt ukoll.

Illi r-raba' element li jrid jigi sodisfatt huwa l-*animus iniuriandi.* L-imputat isostni li dan huwa l-mod ta' kif jesprimi ruhu. Hekk kif gie ritenut fil-gurisprudenza surriferita jista' jaghti l-kaz li persuna li tkun lissnet kliem partikolari ma jkollux l-animus iniuriandi izda dak *reclamandi* jew *protestandi*. Naturalment persuna tista' ma taqbilx ma' decizjoni li tkun ittiehdet u dan is-sentiment tesprimih. Dan ma jwassalx awtomatikament ghal ingurja. Izda fil-kaz odjern, gie ppruvat oltre' d-dubju dettat mir-raguni li l-imputat kellu proprju l-*animus iniuriandi.* Dan huwa evidenzjat billi l-ewwel darba li semma li kienet giet ezercitata pressjoni f'kaz precedenti u li dan kien qieghed isir fuq il-gudikant li kellu quddiemu u l-Imhallef Lofaro qisha bhal ippruvvat tmewwet dak id-diskors l-imputat pront jirrispondi li kien jaf x'inhu jghid. Mhux biss kompla ghaddej bl-insinwazzjonijiet u bl-affermazzjonijiet tieghu u dan nonostante li l-avukat tieghu stess ripetutament waqfu u jikkoregih li ma kellux jindirizza b'dan il-mod lill-Qorti u li ried jirrispetta *r-rule of law.* Izda l-imputat konxjament jibqa' ghaddej fuq l-istess affermazzjoni li kienet qeghda ssir montatura kontra tieghu u li l-gudikant kienet parti minnha. Dan ukoll huwa riaffermat mis-sottomissjonijiet bil-miktub li pprezenta l-istess imputat f'dawn il-proceduri u meta xehed *viva voce.*

Illi l-imputat esebixxa diversi dokumenti biex donnu jiggustifika d-diskors li huwa qal. Naturalment l-imputat jista' ma jaqbilx ma' decizjonijiet jew digrieti li jkunu inhargu fil-konfront tieghu

(ghalkemm mhux necessarjament ikollu ragun). Izda huwa messu, jekk hekk dehrlu, li juza' r-rimedji u l-*fora* provduti mil-ligi. Din il-Qorti hawnhekk trid taghmilha cara li mhix il-mansjoni taghha li tissindaka l-operat tal-Imhallef Lofaro. Mhux accettabbli fis-socjeta' taghna fejn jehtieg li tipprevali r-*rule of law* li jkollok individwi li ma jaccettawx li hemm l-awtoritajiet li ghandhom jigu rispettati. Hija imbaghad il-ligi nnifisha li tipprovdi r-rimedji jekk persuna thossha li xi dritt taghha gie mittiefes jew ma giex rispettat fit-totalita' tieghu jew li tkun ittiehdet decizjoni hazina fil-konfront tieghu. D'altronde' anki meta tkun ittiehdet decizjoni hazina ma jfissirx awtomatikament, kif jahseb l-imputat, li f'dan il-kaz il-gudikant ikun imparzjali jew korrott.

Illi stabilit dan kollu jehtieg ukoll jigi indirizzat jekk l-imputat effettivament kienx qieghed ihedded lill-Imhallef Lofaro meta huwa qalilha li f'kaz li tiddegreta li huwa kellu jigi zgumbrat mid-dar fejn kien qieghed jirrisjedi huwa kien jew se jispicca quddiem il-Qorti inkella wara l-bieb taghha. L-imputat meta xehed quddiem din il-Qorti xehed li ma ttihidx il-kuntest li fihom inghad dan il-kliem. Huwa jsostni li dan huwa kaz socjali billi m'ghandux residenza ohra u li huwa jqis li m'ghamel xejn hazin ghaliex meta qal hekk ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jmur jorqod wara l-bieb taghha biex jisfidaha izda dan huwa t-terminu li nghidu ahna l-Maltin.

Din il-Qorti wara li hasbet fit-tul dwar dan tqis li meta l-imputat wiegeb id-domanda billi qal li kif jinhareg id-digriet li permezz tieghu jigi zgumbrat huwa kien se jmur jorqod wara l-bieb taghha jammonta ghal theddida. L-imputat jixhed li *"fil-pajjiz taghna tal-Malti fejn nghidu jekk inti titfghani barra mhux wara biebek nigi norqod"*. Jekk se nirreferu ghall-frasjologija Maltija ma jistax jigi injorat il-fatt li meta bniedem ighidlek 'se nigi wara biebek' dan ikun ifisser li bniedem se ssibu wara biebek u l-intenzjonijiet u l-agir tieghu ma jkunux jaspikaw tajjeb. F'dan il-kaz partikolari l-Qorti hija konvinta li l-imputat meta qal dak id-diskors l-intenzjoni tieghu ma kinitx kif qieghed isostni huwa. Dan billi huwa evidenti kemm mix-xhieda tieghu, mit-ton li kien jinhass li kien irrabjat u anki mill-istqarrija tieghu rilaxxjata fl-10 ta' Jannar 2015[13] f'liema huwa jwiegeb li mhux veru hedded lill-Imhallef u li f'dak il-kaz l-intenzjoni kienet li jmur jorqod wara l-bieb taghha. Mistoqsi jekk dan hux diskors li jghid fil-konfront tal-Imhallef huwa jikkonferma li ma kellux ghazla ohra fic-

[13] Dok SB1 a fol 5 u 6 tal-process

cirkustanzi tieghu personali. Mistoqsi x'ghandha x'taqsam l-Imhallef u d-dar taghha f'dan il-kaz partikulari huwa wiegeb testwalment: *"Jekk hi ser titfani 'l barra, wahda mill-option hija li jien ser norqod barra u jekk ikun komdu quddiem il-bieb ta' barra taghha jien norqod hemm u ggorr il-piz li tkun hadet. Dan huwa piz socjali u jien persuna li qatt m'ghamilt xejn lil hadd u llum spiccajt persuna kriminali go stat demokratiku".* Parentezi qasira dwar l-istqarrija, l-imputat fix-xhieda tieghu jsostni li meta huwa qal lill-pulizija li l-intenzjoni kienet li jmur jorqod wara l-bieb taghha dak li qal lill-pulizija kien hafna aktar ampju u li l-pulizija qabdet cut and paste dak li ghogobha minn dak li qal. Din il-Qorti tqis li ladarba l-imputat ikkonferma waqt ix-xhieda tieghu li huwa qara l-istess stqarrija u li qabel ma rrilaxxjaha kien kellem l-avukat tieghu u imbaghad ghazel li jiffirma l-istess stqarrija m'hemm xejn x'ticcensura dwar l-istess.

Illi *tornando* ghall-kaz, id-dar ta' individwu tirraprezenta' il-liberta' u s-sigurta' ta' dik il-persuna, il-privatezza tieghu u tal-familja tieghu. Meta se ssib persuna wara l-bieb tieghek meta mhux mixtieq certament li dawn kollha jigu mxellfa. Is-serhan tal-mohh jispicca u tibda titnissel il-biza' fl-individwu. L-imputat[14] isostni li dan huwa kaz socjali ghaliex huwa ma kellux fejn imur. Apparti l-fatt li jekk id-digriet kien se jkun f'dan is-sens, l-imputat dejjem kellu d-dritt li jappella tali decizjoni. Oltre' minn hekk seta' fittex ghajnuna minn istituzzjonijiet jew inkella jevalwa l-possibilita' li jikri appartament jew fond. Dak li ma fehemx l-imputat jew li ma jridx jifhem huwa li l-gudikant wara li jiehu in kunsiderazzjoni l-provi migjuba quddiemu fl-ahhar mill-ahhar jkollu jiddeciedi billi japplika l-ligi tal-pajjiz ghaliex dan huwa d-dover tieghu. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat qal dan il-kliem bl-intenzjoni specifika li jhedded lill-Imhallef u dan bil-hsieb li jbezzaghha kif ukoll li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghha.

Tant huwa hekk li l-istess Imhallef tilfet is-serenita' li hija tant mehtiega biex gudikant jasal ghad-decizjoni tieghu. L-Imhallef Lofaro infatti tixhed li hija ma marritx taghmel ir-rapport taghha immedjatament ghaliex hasbet li setghet tghaddi ma' l-ohrajn billi kien hemm agir simili mill-imputat precedentement izda din id-darba ma setghetx billi hassitha mhedda u ingurjata. L-Imhallef Lofaro tixhed testwalment: *"…..qalli ehe ghax esebixxa diversi ritratti, patafjun ta' ritratti u l-avukat kull darba jghidlu m'hemmx bzonn, le, le kollha dott,*

[14] Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

*kollha dott, u l-ahhar ritratt jew wiehed minn tal-ahhar kien tal-kamra fejn jorqod hu, d-desk tieghu u s-sodda fejn jorqod. Qalli issa int Onorevoli Imhallef jew Onorevoli ma nafx trid iccahhadni minn din ukoll, ukoll minn din ukoll trid iccahhadni inti, pointing his finger at me and steering at me straight in the eye with a very cold and angry steer."*

Ghalhekk anki f'dan il-kaz l-elementi rikjesti mil-ligi huma kollha sodisfatti.

Illi l-artikolu 93 tal-Kodici Kriminali fih tlett sub-artikoli. Din il-Qorti s'issa ezaminat ir-rekwiziti rikjesti fis-sub-artikolu (1). Is-suba-artikolu (2) jistipula bhala cirkostanza aggravanti jekk l-iskop tal-ingurja jkun li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' dak li kontra tieghu tkun giet maghmula. Il-Qorti f'dan il-kaz ma tqisx li gie ppruvat li l-iskop tal-imputat kien li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' l-Imhallef Lofaro. Ghaldaqstant dan is-subartikolu ma jsibx l-applikazzjoni tieghu f'dan il-kaz.

Illi s-sub-artikolu (3) mhux applikabbli ghall-kaz odjern billi ma jirrizultax li l-imputat hedded b'delitt.

Illi l-imputat jinsab ukoll addebitat bir-recediva izda din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura serja tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu u c-cirkostanzi tal-kaz. Madankollu tqis li m'ghandhiex timpani piena karcerarja effettiva izda ghandha timponi sentenza sospiza flimkien ma' imposizzjoni ta' multa.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 93(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tnax-il (12) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) millum u tikkundannah ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' elf u mitejn euro (€1,200). Fl-eventwalita' li l-multa imposta ma tithallasx kollha jew parti minnha l-ammont jigi konvertit fi prigunerija.

Inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-Imhallef Lofaro u l-familja taghha torbot lill-hati b'garanzija personali ghaf-favur ta' l-istess Imhallef Lofaro u l-familja taghha taht penali ta' elf u hames mitt euro (€1,500) u dan ghal zmien ta' tnax-il xahar.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk jikser l-obligazzjoni fuqu imposta a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat